QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 16 TA' NOVEMBRU 2001

Avviz Nru:- 1450/97DM

Emanuel Briffa u martu Ernestina ghall kull interess li jista jkollha

vs

Moby Rentals Limited

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuti sabiex jhallsu s-somma ta' mija u ghoxrin Lira Maltin (Lm120.00c), rapprezentanti danni mill-konvenuti sofferti fil-fond tal-atturi bl-isem ta' "Cochily", fi Triq il-Qasam, Swieqi meta kienu qeghdin isiru xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-fond "Moby Rentals Garage" li jinsab fl-istess triq hawn msemmija, konsistenti principalment f'konsenturi fil-hitan u hsarat fuq ghamara u oggetti ohra mobbli fil-fond ta' l-atturi, kollox kif ser jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez kollha tal-prezenti u dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-17 ta' Marzu 1997 u tal-protest giudizzjarju tat-28 ta' April 1997 u bl-imghax

legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-kawza, is-socjeta esponenti ma hijiex responsabbli ghall-hsarat allegatament sofferti mill-atturi;
2 Salv eccezzjonijiet ohra..

Rat id-digriet tat-2 ta’ Dicembru 1997 fejn gie nnominat bhala perit tekniku lil AIC Alan Saliba.

Rat id-digriet tas-27 ta’ Frar 1998 fejn il-perit tekniku AIC Alan Saliba fejn l-inkarigu tieghu gie sostitwit lil AIC Joseph Mizzi..

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentata fit-3 ta’ Dicembru 1998.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi l-provi prodotti mill-atturi, ghal dak li jirrigwarda l-valur tad-danni illi huma soffrew, huma soddisfacenti u sufficjenti biex jipprovaw li l-valur tad-danni li sofrew l-atturi jammonta ghas-somma ta’ Lm120 ( mija u ghoxrin lira Maltin). Dak li jrid jigi determinat huwa biss, jekk dawn id-danni kienux ipprovokati mix-xogholijiet li kienu qieghed jghamlu l-konvenuti jew le.

Ghal dan il-fini, wara li stabbiliet illi effettivament il-konvenuti kienu qieghdin jezegwixxu xogholijiet fiz-zmien illi l-atturi jallegaw illi soffrew id-danni, l-Qorti nnominat lil AIC Joseph Mizzi bhala perit tekniku sabiex dan ukoll jkun jista jikkonstata jekk ix-xogholijiet illi kienu qieghdin jghamlu l-konvenuti setghux ikkawzaw il-konsenturi u l-hsarat illi allegaw li soffrew l-atturi.

Mir-relazzjoni teknika jirrizulta illi effettivament ix-xogholijiet li ghamlu l-konvenuti w il-makkinarju illi huma wzaw setghu ikkawzaw il-konsenturi u setghu ikkawzaw vibrazzjonijiet ta' tali qawwa li waslu ghad-danni li soffrew l-atturi. Infatti ghalkemm il-perit tekniku ma setghax jistabbilixxi b'certezza illi x-xogholijiet kif esegwiti mill-konvenuti kienu bilfors dawk li kkawzaw id-danni huwa setgha jikkonstata, illi almenu prima face jidher illi kull ma gara fil-fond tal-atturi gie ikkawzat mix-xogholijiet tat-thaffir li ghamel l-konvenut.

Din il-konkluzzjoni flimkien mad-deposizzjonijiet tal-attur u x-xhiedha minnhu prodotti anke dawk li nstemghu mill-perit tekniku wassal lill-Qorti ghal konkluzzjoni illi l-atturi effettivament waslu ghal prova sufficjenti illi kienu x-xogholijiet tal-konvenut illi ikkawzalhom id-danni illi huma indikaw.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghedha tilqa t-talba attrici u filwaqt illi tiddikjara illi kienu l-konvenuti responsabbli ghad-danni li soffrew l-atturi kif indikati fl-avviz tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jhallsu lill-atturi s-somma mitluba Lm120 (mija u ghoxrin lira Maltin ) bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Lulju 1997;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

……………………………..

Magt. Dr D Montebello B A LLD

S. Farrugia
Dep/Reg Civ21